

32005R0606

20.4.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 100/15

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 606/2005****tad-19 ta' April 2005**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 795/2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 <sup>(1)</sup>, partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(b) u l-Artikolu 145(c) u (d) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004 <sup>(2)</sup> jintroduċi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-iskema ta' ħlas waħdieni mill-2005 'il quddiem. L-esperjenza tal-implimentazzjoni amministrattiva u operattiva ta' dik l-iskema fuq livell nazzjonali żvelat li f'ċerti aspetti huma meħtieġa aktar regoli dettaljati, filwaqt li f'aspetti oħra r-regoli eżistenti jeħtieġ jiġu kkjarifikati u adottati.
- (2) L-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 jistipula li l-bidu tal-perjodu ta' għaxar xhur imsemmi fl-Artikolu 44 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għal kull bidwi individwali għandu jiġi ffissat mill-Istati Membri f'data waħda matul perjodu li jiġi ffissat bejn l-1 ta' Settembru tas-sena kalendarja li tiġi qabel dik li fiha tkun ippreżentata l-applikazzjoni taħt l-iskema ta' ħlas uniku u t-30 ta' April tas-sena kalendarja ta' wara, jew inkella din tiġi magħżula mill-bidwi stess matul il-perjodu ffissat. Huwa xieraq li l-bdiewa jkollhom aktar flessibilità meta jiġu biex jiffissaw il-bidu tal-perjodu ta' għaxar xhur, fuq il-livell ta' kull roqgħa raba', meta l-kundizzjonijiet agrikoli speċifiċi jkunu jiġġustifikaw dan.
- (3) L-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 864/2004 <sup>(3)</sup>

u li beda japplika mill-1 ta' Jannar 2005 bis-saħħa tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2005, jawtorizza lill-Istati Membri sabiex jippermettu li ħxejjex sekondarji jiġu kkultivati fl-ettari eliġibbli matul perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, li jibda fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena. Huwa xieraq li dik id-data titressaq aktar 'il quddiem sabiex ikun jista' jsir it-tkabbir ta' ħxejjex temporanji f'reġjuni fejn iċ-ċereali normalment jinħasdu aktar kmieni minħabba raġunijiet klimatiċi, kif kien komunikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandu, għalhekk, jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Minħabba l-fatt li r-Regolament (KE) Nru 795/2004 japplika mill-1 ta' Jannar 2005, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament ikunu japplikaw retroattivament minn dik id-data.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 795/2004 qed jiġi emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 24 (2) qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, fejn kundizzjonijiet agrikoli speċifiċi jkunu jiġġustifikaw dan, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bdiewa sabiex jiffissaw, fil-perjodu ffissat msemmi fl-ewwel subparagrafu, żewġ dati differenti għall-bidu tal-perjodu ta' 10 xhur fir-rigward tal-impriża agrikola tagħhom. Il-bdiewa li jagħmlu użu minn din il-possibilità għandhom jindikaw l-għażliet tagħhom, fir-rigward ta' kull roqgħa raba' individwali, fil-formola tal-applikazzjoni unika tagħhom flimkien mal-informazzjoni li trid tingħata minnhom b'mod konformi mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004."

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

<sup>(2)</sup> ĠU L 141, 30.4.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1974/2004 (ĠU L 345, 20.11.2004, p. 85).

<sup>(3)</sup> ĠU L 161, 30.4.2004, p. 48.

(2) L-Artikolu 28a li ġej qed ikun miżjud:

“Artikolu 28a

**Il-perjodu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 51(b) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003**

L-Istati Membri indikati fl-Anness huma awtorizzati sabiex jippermettu li ħxejjex sekondarji jiġu kkultivati fl-ettari eliġibbli matul perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, li jibda kull sena fid-data stabbilita f'dak l-Anness għal kull Stat Membru.”

(3) Qed ikun miżjud Anness kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX

Stat Membru	Data
Il-Portugall	l-1 ta' Marzu
Il-Ġermanja	il-15 ta' Lulju
L-Awstrija	it-30 ta' Ġunju
Id-Danimarka	il-15 ta' Lulju
L-Italja	il-11 ta' Ġunju”